# Minn fejn ġew in-nies tal-Mellieħa tas-seklu 19

Jonathan Muscat

Nofs is-seklu 19 kien żmien partikolari għall-Mellieħa għax kien żmien ta' żieda qawwija fil-popolazzjoni. Kien żmien ta' progress, bdew jiffurmaw it-toroq u nbnew bosta mid-djar il-qodma li llum jinsabu fil-qalba tar-raħal. Kien żmien fejn ġew irranġati t-toroq li jwasslu għall-għelieqi fl-Aħrax, il-Qammieħ u Qasam Barrani, sar il-pont tal-Mistra li beda joffri aċċess aħjar, saru l-ġebel tal-mil li juru d-distanzi sal-Belt Valletta, inbena ċ-ċimiterju u saru spieri tal-ilma fost oħrajn.[1] Trid tqis li l-iktar irħula viċin tal-Mellieħa kienu Ħal Għargħur, in-Naxxar, il-Mosta, ir-Rabat ta' Malta u l-irħula fin-Nofsinhar t'Għawdex, b'distanzi ta' madwar 10 mili jew aktar. Żgur li ma kienx faċli għal persuna jew familja li taqbad u tiddeċiedi tiġi toqgħod il-Mellieħa.



*Michele Bellanti. 'Bejjiegħtat-tiġieġ' Litografija. 1848 National Museum of Fine Arts*

Mill-Istatus Animarum jew ċensiment tal-1844 nafu li fil-Mellieħa kienu jgħixu 517–il persuna bejn nisa, irġiel, xjuħ u tfal. Apparti l-ismijiet ta' dawn in-nies nafu wkoll li dawn kienu mferrxa mal-inħawi tal-Mellieħa fosthom l-Aħrax, il-Qammieħ, il-Kalkara (fl-inħawi tal-Mistra), fil-widien tal-Imġiebaħ, ta' Għajn Żejtuna, f'tal-Mellieħa, ta' Ingraw u fil-Wied ta' San Niklaw. Fis-snin ta' wara kellek nies jgħixu fl-inħawi ta' Għajn Żnuber, il-Manikata, f'tal-Ballut (qrib Għajn Tuffieħa), il-Pwales, l-Imbordin u Għajn Istas.[2] Ma nafux kemm dawn in-nies, speċjalment jekk kienu jgħixu fuq ix-xaqliba l-oħra tal-Mellieħa, kienu jkunu jafu lil xulxin. Dawk li kienu joqogħdu fil-qalba tar-raħal aktarx li kienu jiltaqgħu l-knisja tal-Mellieħa (is-Santwarju) għal xi festa reliġjuża, fit-toroq li bdew jiffurmaw fis-snin 50, fil-ħwienet u l-bottegini, fl-għelieqi, fuq l-għajn jew il-mitħna għat-tħin tal-qamħ.[3] Uħud minnhom kienu jiġu minn xulxin jew jiżżewġu fil-familji ta' xulxin iżda kellek ukoll, kif ser naraw f'dan l-artiklu, numru kbir ta' barranin li f'nofs is-seklu dsatax ħallew kollox biex jibdew ħajja ġdida fil-Mellieħa. Dan kollu wassal sabiex fis-snin 50 u 60 kellek żieda qawwija fil-popolazzjoni fil-Mellieħa kif jidher f'Tabella A.[4]

| Tabella A. Popolazzjoni fil-Mellieħa | | |
|---|---|---|
| Sena | Popolazzjoni | Żieda |
| 1844 | 517 | |
| 1851 | 675 | |
| 1861 | 975 | +300 |
| 1871 | 1429 | +454 |
| 1881 | 1616 | +187 |

Il-Mellieħa ta' dak iż-żmien kienet waħda agrikola bil-parti l-kbira tan-nies jaħdmu l-għalqa tagħhom jew l-art mogħtija lilhom b'ċens mill-Gvern Ingliż. Kien minħabba f'hekk li bosta nies tħajru jiġu joqogħdu l-Mellieħa f'nofs is-seklu dsatax.[5] Seta' kien hemm raġunijiet oħra mhux primarji li setgħu wasslu għal dan l-influss ta' nies fil-Mellieħa. Seta' kien hemm min telaq mir-raħal tiegħu minħabba mard infettiv bħall-kolera (1837, 1850, 1865 u fl-1867).[6] Kien hemm nies li biddlu r-raħal minħabba żwieġ ma' persuni minn irħula oħra jew sabiex isibu post għall-mistrieħ mill-ġenn tal-ibliet. Iżda r-raġuni prinċipali għal dan iċ-

**Tabella B.** Minn fejn kienu n-nies ta' 20 sena u aktar li mietu fil-Mellieħa bejn l-1860 u l-1880.

| | |
|---|---|
| min-Naxxar | 41 |
| mill-Mosta | 30 |
| mill-Għargħur | 11 |
| mill-Mellieħa | 10 |
| min-Nadur | 6 |
| minn Għawdex (raħal mhux imsemmi) | 4 |
| Minn Ħal Qormi, ir-Rabat, Għawdex, Valletta | 3 |
| mix-Xewkija, Ħad-Dingli, iż-Żebbuġ, Għawdex | 2 |
| mill-Imdina, Cospicua, Ħaż-Żebbuġ, Ħal Lija, Ħal Balzan, iż-Żejtun, il-Ħamrun, Birkirkara, il-Furjana, Ta' Sannat | 1 |

ċaqliq ta' nies kienet sabiex isibu xogħol. Fi żmien l-Ingliżi x-xogħol fl-inħawi tal-portijiet kien jiżdied fi żmien ta' gwerra u jonqos fi żmien ta' paċi, u għalhekk xogħol fil-biedja, minkejja t-tbatija u d-diffikultajiet tiegħu, seta' joffri xi forma ta' sigurtà.

Għalkemm l-informazzjoni li użajt hi limitata stajt noħroġ xi tagħrif dwar in-nies li mietu fil-Mellieħa bejn l-1860 u l-1880. Kif naraw f'Tabella B il-parti l-kbira tan-nies (117-il ruħ) li mietu fil-Mellieħa kienu oriġinarjament minn irħula oħra fosthom min-Naxxar (41 ruħ) u mill-Mosta (30 ruħ). Il-parti l-kbira minnhom kienu miżżewġa, jiġifieri aktarx kellhom familja bit-tfal.

Min-naħa l-oħra meta nqabblu dawn il-117, hekk imsejħa barranin, mal-10 persuni li kienu twieldu l-Mellieħa nindunaw kemm kienu ftit dawk il-Melliħin li l-antenati tagħhom setgħu kienu diġà jgħixu fil-Mellieħa fis-seklu 18. Ħadd minn dawk in-nies mill-Mellieħa li mietu bejn l-1860 u l-1900, 27 ruħ b'kollox, ma kien twieled qabel l-1800. B'kuntrast mal-117-il barrani li mietu l-Mellieħa bejn l-1860 u l-1880 kien hemm 38 minnhom li twieldu fi żmien il-Kavallieri jew fi żmien il-Franċiżi, jiġifieri qabel l-1800. Fosthom insibu lil Tereża Borġ li twieldet fl-1765 f'Għawdex u li fl-1865 kienet toqgħod fi Strada Parroco, il-Mellieħa meta mietet fl-età ta' 100 sena.

Bosta minn dawn in-nies li ġew il-Mellieħa kellhom it-tfal u b'hekk bdew ġenerazzjonijiet sħaħ ta' Melliħin, uħud minnhom b'dixxendenti li għadhom iġorru l-kunjom jew il-laqam sal-lum. Dawn il-ġenerazzjonijiet raw il-bini tad-djar fil-qalba tar-raħal, il-ftuħ tal-iskola primarja u l-bini tal-Knisja Parrokkjali fost oħrajn. Filwaqt li l-parti l-kbira ta' dawn in-nies kienu bdiewa kellek numru żgħir ħafna minnhom li kienu bennejja, naġġara, bil-ħanut, negozjanti, bejjiegħa, sajjieda u ragħajja. Ħafna minnhom kienu jkunu miżżewġa jew romol u dawn kienu aktarx jaħdmu fl-għelieqi jew bħala nisa tad-dar. Kien hemm oħrajn li kienu jgħixu fil-faqar speċjalment jekk kienu jgħixu ħajja twila, waħidhom u bla tfal. Oħrajn ma żżewġux u kienu jagħmlu xogħol tal-biedja jew bħal ċerta Maria Cuschieri min-Naxxar li kienet ragħajja. Fost dawn il-barranin li mietu l-Mellieħa nsibu lil tliet persuni mill-Belt Valletta li kienu Dun Giuseppe Baldacchino, li kien kappillan il-Mellieħa, is-sinjur Luigi Grech Grandolini[7] li kien organista u kantur, u li kien joqgħod għal xi żmien fi Strada Reale l-Mellieħa, u ibnu Dun Filippo Grech li kien joqgħod fi Strada Cimiterio.



Michele Bellanti. 1844. National Museum of Fine Ars

F'dan l-artiklu tajna ħarsa ħafifa lejn l-oriġini tan-nies tar-raħal tal-Mellieħa fis-seklu 19. Seklu li biddel dan il-post minn wieħed bi ftit nies għal raħal b'komunità bil-karatteristiċi tagħha. Rajna kif nies min-Naxxar u l-Mosta tħalltu man-nies li kienu jgħixu fl-inħawi u ġie ffurmat dan ir-raħal tal-Mellieħa. Din hi ħolqa oħra ċkejkna mill-istorja tar-raħal tal-Mellieħa, raħal li aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar jinbidel. L-istorja tar-raħal tal-Mellieħa hi fuq kollox dwar in-nies li għexu fiha matul is-snin u meta wieħed ifakkar dak li għaddew minnu missirijietna nkunu qed nagħtu sens akbar ta' appartenenza u identità lin-nies li jgħixu fil-Mellieħa llum, huma minn fejn huma.

## Riferenzi

1. Muscat, J. '21. Mid-Djarju tal-Public Works Il Mellieħa 1850-1875...' Il-Mellieħa Lemħa lejn Ġrajjietha. Printit. (2015) pp.343-346.
2. Muscat, J. 'Inħawi abitati u toroq'. Il-Mellieħa mal-Milja taż-Żmien. Catania, J. (ed) (2002). pp.120-121.
3. Muscat, J. Petitions to the British Crown 1824-1889. Best Print (2017). Ara wkoll Muscat, D. 'Il-Mellieħa fl-ewwel nofs tas-seklu dsatax.' Il-Mellieħa mal-Milja taż-Żmien. Catania, J (ed.) (2002). pp.89-94.
4. Malta Blue Books (Seklu dsatax).
5. Muscat, J. 'Il-Laqmijiet tal-Mellieħa'. Il-Mellieħa Lemħa lejn Ġrajjietha. (2015). p.390.
6. Cassar, P. 'The Study of Cholera and Max Von Pettenkofer's Visit to Malta in 1868' TSLHG, Volume 3, Issue 1. (1968). p.22.
7. Ara wkoll D'Anastas, N. (1997), 'Luigi Grech Grandolini u l-Arkivju Mużikali tal-Mellieħa' Programm tal-Festa Maria Bambina, Mellieħa.